2024/2632

9.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2632

tat-8 ta' Ottubru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1193 rigward il-miżuri għall-ilma li jista' jiġi infettat bir-*Ralstonia solanacearum* (Smith 1896) Yabuuchi *et al.* 1996 emend. Safni *et al.* 2014, il-miżuri li jridu jittieħdu mill-operaturi professjonisti u l-mudell għar-rapportar tar-riżultati tal-istħarriġ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punti (a) sa (h), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1193 [2] jistabbilixxi l-miżuri għall-qerda tar-*Ralstonia solanacearum* (Smith 1896) Yabuuchi *et al.* 1996 emend. Safni *et al.* 2014 u għall-prevenzjoni tat-tifrix tiegħu ("il-pest speċifikat") fit-territorju tal-Unjoni.

(2) Minbarra l-ilma li jkun diġà kkonfermat li huwa infettat, jeħtieġ li l-miżuri li jikkonċernaw id-detezzjoni u l-qerda tal-pest speċifikat ikopru wkoll l-ilma li jista' jiġi infettat mill-pest speċifikat.

(3) Dan biex jiġi żgurat li l-ilma li jista' jiġi infettat mill-pest speċifikat ikun soġġett ukoll għal dawk id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-konferma tal-preżenza tal-pest, l-elementi għad-dożinjazzjoni tal-oġġetti bħala probabbilment infettati minnu, kif ukoll il-miżuri għall-qerda, u konsegwentement tiġi żgurata protezzjoni ogħla mill-protezzjoni eżistenti bħalissa tat-territorju tal-Unjoni mir-riskju ppreżentat mill-pest speċifikat.

(4) Barra minn hekk, l-elementi li jridu jitqiesu fid-determinazzjoni tat-tixrid possibbli tal-pest speċifikat jeħtieġ li jinkludu wkoll l-ilma li jista' jiġi infettat.

(5) Fiż-żona demarkata, minbarra l-miżuri applikabbli fil-każ tal-ilma dożinjat bħala infettat, l-ilma li jista' jiġi infettat jeħtieġ li jkun soġġett ukoll għal dawk il-miżuri.

(6) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1193, l-awtorità kompetenti trid tiżgura li l-pjanti speċifikati infettati jinqerdu jew jintremew b'xi mod ieħor, f'konformità mal-punt 1 tal-Anness V dment li jiġi stabbilit li ma hemm l-ebda riskju identifikabbli tat-tifrix tal-pest speċifikat.

(7) Peress li l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jaċċessaw faċilment il-postijiet rispettivi kollha, dawk il-miżuri jistgħu jitwettqu b'mod aktar prattiku u effettiv mill-operaturi professjonisti milli mill-awtoritajiet kompetenti nnifishom. Għal din ir-raġuni, l-operaturi professjonisti jeħtieġ li jwettqu dawk il-miżuri taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti.

(8) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1193 jistabbilixxi mudell għall-preżentazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ li jikkonċernaw il-pest speċifikat, għall-ħsad tal-patata u tad-tadam tas-sena kalendarja preċedenti. Dak il-mudell jeħtieġ li jittejjeb għall-użu prattiku u l-effikaċja minħabba li d-*data* tar-rapportar dwar il-kampjunar tat-tuberi ċċertifikati għat-tħawwil, it-tuberi għat-tħawwil għajr it-tuberi ċċertifikati, it-tuberi għajr dawk għat-tħawwil, kif ukoll il-patata għall-konsum u għall-ipproċessar, ma tipprovdix informazzjoni notevoli għall-fini tal-istħarriġ.

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1193 tal-11 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi l-miżuri għall-qerda tar-*Ralstonia solanacearum* (Smith 1896) Yabuuchi *et al.* 1996 emend. Safni *et al.* 2014 u għall-prevenzjoni tat-tifrix tiegħu (ĠU L 185, 12.7.2022, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1193/oj).

(9) L-ordni ta' ċerti kolonni tal-mudell jenħtieġ li tinbidel abbażi tal-kronoloġija tal-azzjonijiet rispettivi. B'mod partikolari, il-kolonna dwar l-ispezzjonijiet viżivi tal-għelejjel tat-tkabbir u tat-tuberi maħżuna jenħtieġ li tiddaħħal qabel il-kolonni dwar ir-riżultati tal-laboratorju miksuba minn kampjuni miġbura matul dawk l-ispezzjonijiet viżivi.

(10) Barra minn hekk, jeħtieġ jiġi ċċarat jekk l-ittestjar fil-laboratorju ikunx ġej mill-kampjunar tat-tuberi maħżuna jew tat-tuberi waqt l-ispezzjoni viżiva tal-għelejjel tat-tkabbir.

(11) Meħtieġ ukoll jiżdiedu kolonni fir-rigward tal-ittestjar tal-ilma fil-laboratorju biex tittejjeb il-preċiżjoni tar-rapportar tar-riżultati.

(12) L-għadd ta' spezzjonijiet viżivi pożittivi jistgħu jiġu rreġistrati biss wara li jinkisbu r-riżultati mill-ittestjar fil-laboratorju. Għalhekk, u biex tinkiseb preżentazzjoni aktar ċara u konsistenti tar-riżultati, il-kolonna rispettiva jenħtieġ li tiġi trasferita taħt it-taqsimiet dwar it-testijiet tal-laboratorju.

(13) Matul l-ispezzjonijiet viżivi, jittieħdu kampjuni sintomatiċi u asintomatiċi. L-infezzjonijiet latenti jinstabu fil-kampjuni asintomatiċi. Minħabba l-importanza tal-infezzjonijiet latenti għall-fehim tat-tixrid possibbli tal-marda, u għall-miżuri li jridu jittieħdu biex jiġi evitat it-tali tixrid, jenħtieġ li fil-mudell issir distinzjoni bejn ir-riżultati mill-kampjuni sintomatiċi u asintomatiċi

(14) L-esperjenza wriet li r-rappurtar tad-*data* dwar il-perjodu tal-kampjunar tat-tuberi għall-ittestjar fil-laboratorju ma jipprovdix informazzjoni notevoli għall-fini tal-istħarriġ.

(15) Ir-rekwiżiti għad-daqs tal-kampjun huma previsti fil-punt 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1193. B'konsegwenza ta' dan, id-*data* meħtieġa fil-mudell dwar id-daqs tal-lottijiet f'tunnellati jew f'ettari ma tipprovdix informazzjoni notevoli għall-fini tal-istħarriġ.

(16) Barra minn hekk, jeħtieġ li fl-ewwel sentenza tal-Anness II jiġi ċċarat li l-mudell irid jippreżenta r-riżultati tal-istħarriġ mill-ħsad tal-patata mis-sena ta' qabel is-sena tar-rapportar.

(17) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1193 jiġi emendat skont dan.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1193

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1193 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-ilma tal-wiċċ li jista' jiġi infettat, filwaqt li jitqiesu l-elementi elenkati fil-punt 2(b)(ii) u (iii) tal-Anness IV.";

(2) fl-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-pjanti speċifikati ddeżinjati bħala infettati mill-pest speċifikat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), ma għandhomx jitħawlu. L-operaturi professjonisti, matul il-produzzjoni jew il-moviment tal-pjanti speċifiċi, taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, iridu jiżguraw li l-pjanti speċifikati infettati jinqerdu jew jintremew b'xi mod ieħor, f'konformità mal-punt 1 tal-Anness V dment li jiġi stabbilit li ma hemm l-ebda riskju identifikabbli ta' tifrix tal-pest speċifikat.";

(3) L-Anness II huwa ssostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(4) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-elementi li jridu jitqiesu biex oġġett jiġi dežinjat bħala x'aktarx infettat mill-pest speċifikat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (b)(ii) huma dawn li ġejjin:";

(ii) il-punti (i) u (j) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) il-post(ijiet) tal-produzzjoni tal-pjanti speċifikati li jużaw l-ilma għall-irrigazzjoni jew għall-bexx dežinjat bħala infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (a), jew li jista' jiġi infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (b);

(j) il-pjanti speċifikati prodotti f'siti tal-produzzjoni mgħarrqa bl-ilma tal-wiċċ ikkonfermat li huwa infettat jew li jista' jiġi infettat.";

(b) fil-punt 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każijiet fejn l-ilma tal-wiċċ ikun dežinjat bħala infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (a), jew li jista' jiġi infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (b):

(i) il-post(ijiet) tal-produzzjoni li jipproduċi/u pjanti speċifikati li jkun(u) maġenb ilma tal-wiċċ dežinjat bħala infettat jew li jista' jiġi infettat, jew jinsab(u) f'riskju ta' għargħar minnu;

(ii) kwalunkwe ħawt tal-irrigazzjoni assoċjat mal-ilma tal-wiċċ dežinjat bħala infettat jew li jista' jiġi infettat;

(iii) il-korpi tal-ilma f'kuntatt mal-ilma tal-wiċċ dežinjat bħala infettat jew li jista' jiġi infettat, meta wieħed jikkunsidra:

— id-direzzjoni u r-rata tal-fluss tal-ilma dežinjat bħala infettat jew li jista' jiġi infettat;

— il-preżenza ta' pjanti ospitanti solanaċji selvaġġi.";

(5) L-Anness V, il-punt 4.2(2) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) f'każijiet fejn l-ilma tal-wiċċ ikun ġie dežinjat bħala infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (a), jew li jista' jiġi infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (b), jew inkluż fl-elementi li jitqiesu għad-determinazzjoni tat-tifrix possibbli tal-pest speċifikat f'konformità mal-punt 2 tal-Anness IV:

(i) għandhom iwettqu l-istħarriġ annwali fi żminijiet xierqa, inkluż il-kampjunar tal-ilma tal-wiċċ u, fejn xieraq, tal-pjanti solanaċji selvaġġi ospitanti fis-sorsi tal-ilma rilevanti u għandhom jiżguraw li l-kampjuni jkunu soġġetti għat-testijiet imsemmija fl-Anness I;

(ii) għandhom jintroduċu l-kontrolli uffiċjali fuq il-programmi tal-irrigazzjoni u tal-bexx, inkluż projbizzjoni fuq l-użu tal-ilma dežinjat bħala infettat u tal-ilma li jista' jiġi infettat għall-irrigazzjoni u l-bexx tal-pjanti speċifikati, u, meta rilevanti, ta' pjanti solanaċji ospitanti kkultivati oħra sabiex jipprevjenu l-firxa tal-pest speċifikat;

(iii) f'każijiet meta jiġu infettati skariki ta' skart likwidu, dawn għandhom jintroduċu kontrolli uffiċjali fuq ir-rimi ta' skariki ta' skart solidu jew likwidu mill-ipproċessar industrijali jew mill-istazzjonijiet tal-ippakkjar li jittrattaw il-pjanti speċifikati tal-postijiet tal-produzzjoni;";

(b) jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) f'każijiet imsemmija fil-fraża introduttorja tal-punt (b), għandhom japplikaw id-derogi li ġejjin:

(i) permezz ta' deroga mill-punt (b)(i), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jwettqux stħarriġiet annwali tal-ilma tal-wiċċ li ġie dežinjat bħala infettat jew li jista' jiġi infittet, dment li ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni ta' bidla fl-istatus tal-pesti fiż-żona demarkata;

(ii) permezz ta' deroga mill-punt (b)(ii), l-użu tal-ilma soġġett għal projbizzjoni jista' jkun permess fisserer, taħt kontroll uffiċjali, għall-irrigazzjoni u l-bexx ta' pjanti tat-tadam u ta' pjanti ospitanti oħra maħsuba għall-konsum u l-ipproċessar finali, dment li l-ilma jiġi diżinfettat bl-użu ta' metodi xierqa jew jinsab ħieles mill-pesti wara kampjunar u ttestjar intensivi.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

""ANNESS II

Mudell tal-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 3(3)

Mudell għall-preżentazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġiet dwar it-taħsir kannella tal-patata matul is-sena kalendarja ta' qabel is-sena tar-rapportar

Stat Membru	Kategorija	Żona ta' kultivazzjoni (ha)	Spezzjonijiet viżivi tal-għelejjel li jkunu qed jikbru					Spezzjonijiet viżivi tal-lottijiet tat-tuberi maħżuna [a]			
			Żona li ġiet soġġetta għal spezzjoni viżiva (ha)	Għadd ta' spezzjonijiet viżivi [b]	Għadd ta' spezzjonijiet viżivi fejn ġew osservati s-sintomi [c]	Għadd ta' kampjuni sintomatiċi meħuda [d]	Għadd ta' kampjuni asintomatiċi meħuda [d]	Għadd ta' spezzjonijiet viżivi [b]	Għadd ta' spezzjonijiet viżivi fejn ġew osservati s-sintomi [c]	Għadd ta' kampjuni sintomatiċi meħuda [d]	Għadd ta' kampjuni asintomatiċi meħuda [d]
	Tuberi tal-patata għat-tħawwil [f]										
	Tuberi tal-patata maħsuba biex jitħawlu fil-post tal-produzzjoni tagħhom										
	Tuberi tal-patata għajr dawk għat-tħawwil										
	Tadam maħsub għat-tħawwil mill-ġdid										
	Ospitanti oħra (speċifika l-ispeċi)										

	Ilma għall-irrigazzjoni Ilma mormi										

([a]) Trid timtela biss għar-riżultati tal-istħarriġ imwettaq fuq pjanti speċifikati u ospitanti oħra mkabbra u maħsuda f'pajjiżek.
([b]) Inkluż l-għadd ta' spezzjonijiet viżivi multipli mwettqa fl-istess għalqa jew fuq l-istess lott, jekk applikabbli.
([c]) Is-sintomi misjuba fuq it-tuberi jew il-pjanti maqtugħin, u l-kampjuni meħuda għall-ittestjar fil-laboratorju.
([d]) Il-preparazzjoni tal-kampjun hija deskritta fil-punt 4 tal-Anness I.
([e]) Is-sintomi nstabu fuq it-tuberi maqtugħin u l-kampjuni ttieħdu għall-ittestjar fil-laboratorju.
([f]) Ħlief it-tuberi tal-patata maħsuba biex jitħawlu fil-post tal-produzzjoni tagħhom.

Stat Membru	Kategorija	Testijiet fil-laboratorju relatati ma' spezzjonijiet viżivi tal-għelejjel li jkunu qed jikbru			Testijiet fil-laboratorju relatati mal-ispezzjonijiet tal-lottijiet tat-tuberi			Testijiet fil-laboratorju relatati mal-ilma		Numru/i tan-notifika tat-tifqigħat notifikati, kif applikabbli, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715	Informazzjoni addizzjonali
		Għadd ta' kampjuni sintomatiċi li ttestjaw pożittivi	Għadd ta' kampjuni asintomatiċi li ttestjaw pożittivi	Għadd ta' spezzjonijiet viżivi pożittivi ([a])	Għadd ta' kampjuni sintomatiċi li ttestjaw pożittivi	Għadd ta' kampjuni asintomatiċi li ttestjaw pożittivi	Għadd ta' lottijiet pożittivi	Għadd ta' kampjuni ttestjati	Għadd ta' kampjuni pożittivi		
	Tuberi tal-patata għat-tħawwil ([b])										
	Tuberi tal-patata maħsuba biex jitħawlu fil-post tal-produzzjoni tagħhom										
	Tuberi tal-patata għajr dawk għat-tħawwil										
	Tadam maħsub għat-tħawwil mill-ġdid										

	Ospitanti oħra (speċifika l-ispeċi)										
	Ilma għall-irrigazzjoni										
	Ilma mormi										

([a]) Għadd totali ta' spezzjonijiet viżivi li għalihom il-kampjuni ttestjaw pożittivi għall-preżenza tal-*R. solanacearum*.
([b]) Ħlief it-tuberi tal-patata maħsuba biex jitħawlu fil-post tal-produzzjoni tagħhom.""